PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

13.9.2007 PE394.003v01-00

EMENDA 8-10

Abbozz ta' rapport **(PE392.113v03-00)**
Carlos Coelho
Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istallazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għall-ambjent tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)

Proposta għal regolament (COM(2007)0311 – C6-0216/2007 – 2007/0108(CNS))

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 8
Premessa 7

Il-Ftehim SISNET jipprovdi wkoll servizzi ta' netwerking u servizzi ta' sigurtà konnessi għal VISION, netwerk li jappoġġja proċeduri ta' konsultazzjoni tal-viża bejn l-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 17(2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen, ***iżda dan*** ma jaqax fl-ambitu ta' din il-proposta minħabba li l-Kunsill, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 789/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jirriserva lill-Kunsill il-poteri ta' implimentazzjoni rigward ċerti *disposizzjonijiet* dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-viżi, huwa l-korp li għandu l-kompetenza li jimplimenta l-emendi neċessarji għall-migrazzjoni tal-	(7) Il-Ftehim SISNET jipprovdi wkoll servizzi ta' netwerking u servizzi ta' sigurtà konnessi għal VISION, netwerk li jappoġġja proċeduri ta' konsultazzjoni tal-viża bejn l-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 17(2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen. ***Difatti, il-VISION*** ma jaqax fl-ambitu ta' din il-proposta minħabba li l-Kunsill, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 789/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jirriserva lill-Kunsill il-poteri ta' implimentazzjoni rigward ċerti *dispożizzjonijiet* dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-viżi, huwa l-korp li għandu l-kompetenza li jimplimenta l-

VISION għal infrastruttura tal-komunikazzjoni oħra.	emendi neċessarji għall-migrazzjoni tal-VISION għal infrastruttura tal-komunikazzjoni oħra. ***Għalhekk, minkejja r-Regolament (KE) Nru 789/2001, sabiex tiġi preservata l-koerenza u l-konsistenza ta' l-SIS1+, il-Kummissjoni għandha tintegra l-VISION fin-netwerk il-ġdid tal-komunikazzjoni tagħha s-Testa u teżerċita poteri ta' implimentazzjoni.***

Or. it

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' l-ewwel bidla, inqis li l-kliem propost mill-Kummissjoni huwa preferibbli. Il-kliem użat mir-rapporteur donnu jissuġġerixxi li jeħtieġ att legali kemm biex in-netwerk VISION il-ġdid jiġi integrat fin-netwerk ta' komunikazzjoni l-ġdid s-Testa u kemm biex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimentazzjoni.

Emenda mressqa minn Tatjana Ždanoka

Emenda 9
Artikolu 5, paragrafu 2

2. L-ispejjeż li jagħmlu l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għat-twettiq tal-ħidmiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.	2. L-ispejjeż li jagħmlu l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għat-twettiq tal-ħidmiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea***, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill KE/1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006.***

Or. en

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 10
Artikolu 5, paragrafu 2 a (ġdid)

(Ma jaffettwax il-verżjoni Ingliża.)

Or. it

Ġustifikazzjoni

(Ma jaffettwax il-verżjoni Ingliża.)